TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 21/16-F

**Maria Concetta Sant**

**vs**

**World Marketing Services Ltd.**

Illum 29 ta' Mejju, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-22 ta' Jannar, 2016 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' tlett elef, erba' mija u erbgħa u disgħin ewro, u sitt ċenteżmi (€3,494.06), rappreżentanti danni u spejjeż t'offerti mir-rikorrenti riżultat t'apparat ta' water softener li kien qed jikkontamina l-ilma.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, prinċipalment lir-rikorrenti fejn issottomettiet illi ħallset mal-elf u sitt mija (€1,600), sabiex tiġi installata l-water softener u li kien hemm kontaminazzjoni minn virus perikoluż li kemm l-ilma tax-xorb u kemm tal-ħasil kien ikkontaminat. Il-kontaminazzjoni riżultat mit-testijiet tal-laboratorju ġew esebiti.

L-intimat issottometta li m'hemm l-ebda anness kawżali ma' l-apparat installat mis-soċjeta' intimata u l-kontaminazzjoni ta' l-ilma tad-dar li tidher qed tiġi affettwata mill-plumbing tar-rikorrenti.

It-Tribunal, ukoll evalwa r-rapport ta' Galea Curmi Engineering Consultants Ltd., fejn prinċipalment l-Ing. Renzo Curmi ikkonkluda li s-sistema tal-water softener ma ġietx installata tajba u l-konklużjoni li l-waste water kienet qed terġa' tmur lura fis-softener mid-drain pipe u ssuġġerixxa li ssir diżinfettazzjoni tas-sistema ta' l-ilma bis-soluzzjoni tal-chlorine.

Ix-xhud tas-soċjeta' ntimata, Emanuel Zerafa kkonferma li kien installa s-sistema tal-water softener, pero' wassal il-pipe sad-drain u ma kienx imdaħħal fid-drenaġġ u hemm dan il-kunflitt ta' fatti. It-Tribunal evalwa wkoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet, fejn ir-rikorrenti ssottomettiet illi xtrat l-apparat tal-water softener mingħand is-soċjeta' ntimata, illi wkoll meta ġiet installata din is-sistema l-ilma kien qed jiġi kkontaminat minħabba dak il-pipe li kien dieħel fid-drenaġġ u dan il-kontaminazzjoni ġara wara li ġie nstallat il-water softener.

Ukoll hemm rapport tal-espert tekniku, fejn ikkonkluda illi l-kontaminazzjoni ġrat riżultat tal-installazzjoni ħażina tal-World Marketing Services Ltd.

Da parte tagħha l-World Marketing Services Ltd., ikkonkludiet illi jekk qed jibbaża ruħu fuq ir-riżultat tal-Inġinier, dana qatt ma rah jiġi nstallat u qatt ma seta' jarah jiffunzjona fuq il-post għax l-apparat kien magħluq u kien hemm xi persuna oħra li qalgħet din is-sistema. Ukoll l-inġinier ma wasalx għal konklużjoni definittiva u l-kontaminazzjoni ġiet mill-melħ oħxon li użat li ma kienx inxtara mid-ditta ntimata u li minn hemm saret il-kontaminazzjoni.

It-Tribunal, jinnota u għamel osservazzjoni tal-fatti u tas-sottomissjonijiet, u jinnota li hemm konflitt anke fil-provi, fejn parte qed tgħid li l-pipe tal-water softener nieżel fid-drenaġġ, filwaqt li l-intimat qed jgħid illi kien sempliċiment ħdejn il-bokka.

It-Tribunal ukoll huwa ftit konfuż fis-sens illi r-rapport tal-Inġinier ma jasalx għal konklużjoni definittiva imma kważi kważi fuq suppożizzjoni ta' x'seta' ġara.

It-Tribunal, għalhekk qed jagħti tort lid-ditta ntimata għax għandha l-obbligu li tassigura li dak li twaħħal huwa tajjeb. Pero' min-naħa l-oħra qed tagħti ftit tat-tort lir-rikorrenti talli ma ħaditx azzjoni wkoll fi żmien neċessarju.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' elf u tmien mitt ewro (€1,800), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**